MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru 332/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANZJAN ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**STEVEN ZAMMIT, ta' 28 sena, iben Carmelo u Rita nee' Mangion, imwieled Tal-Pieta', nhar it-30 ta' Dicembru, 1979, residenti fl-indirizz numru 61, Joseph Stivala Street, Paola, jew numru 55, Triq Sant'Anglu, Birzebbuga, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 35680M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **STEVEN ZAMMIT** li gie akkuzat talli fix-Xghajra, limiti ta' Haz-Zabbar, fil-Fgura, fil-Marsa, f'Santa Venera, u f'diversi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar tlitt xhur:

1. Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil Stephanie Buhagiar mix-Xghajra, kontra l-volonta' taghha;

2. U aktar talli hedded lil Stephanie Buhagiar mix-Xghajra bil-mewt, fil-waqt li ghamlilha arma tan-nar ma' rasha;

3. U aktar talli hedded lill-imsemmija Stephanie Buhagiar bil-kliem 'la naslu fil-flat tista' tghid l-atti ta' l-indiema!', 'Infellek fil-kamra tal-banju!', u 'Hawn tidhol shiha u tohrog bil-boroz!', u aktar hedded ukoll lill-genituri taghha Mario u Patricia Buhagiar bil-kliem ukoll;

4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u cioe' senter ta' bi tnejn issegat kif ukoll munizzjoni minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli waqt li gie fil-pussess ta' l-imsemmija arma tan-nar u munizzjoni, ma tax avviz immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fil-hin li ghamel l-imsemmi delitt kellu fuq il-persuna tieghu l-arma tan-nar imsemmija;

7. U aktar talli kkommetta seq ta' mitt lira Maltin fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, u bil-hin;

8. U aktar talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, hebb ghall-istess Stephanie Buhagiar sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmlilha hsara;

9. U aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

10. U aktar talli uza si sistema ta' telekomunikazzjoni pprovduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak illi ghalih ikun gie pprovdut, jew naqas milli

josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn proveditur awtorizzat ghall-uzu jew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;

11. U aktar talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta’ xoghol zejjed fuq din il-Qorti ghandu a priori jigi relevat ir-rinunzja li xehdu fuqha l-konjugi Buhagiar, il-genituri ta’ Stephanie Buhagiar, kif ukoll l-istess Stephanie Buhagiar. Certament il-parte leza diretta f’din il-kawza xehdet li fuq l-akkuzi li jikkoncernaw lilha, dawn xtaqithom jieqfu (folio 111). Minn naha l-ohra Patricia Buhagiar xehdet f’isimha u f’isem zewgha Mario, anke hi minn naha taghhom irrinunzjat ghal dak kollu minnhom rinunzjabbli. F’dan ir-rigward wiehed ghandu wkoll ihares lejn il-verbal a folio 116 redatt bejn il-partijiet bi qbil fuq ir-rinunzja tal-konjugi Buhagiar.

In vista ta’ tali rinunzja, li kif trid il-Ligi hija wahda cara u inekwivoka, dan anke kif gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana din il-Qorti ghalhekk qieghda tiddikkjara bhala procediment ezawrit it-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza. Lanqas in vista ta’ l-istess raguni ma hija prosegwibbli t-tminn akkuza, kontemplanti anke r-reat kontinwat. Qieghda wkoll din il-Qorti tillibera lil Stephen Zammit mill-effetti tad-disa’(9) u l-ghaxar(10) akkuzi - fl-ewwel wahda ghax dan ir-reat ma giex pruvat b’mod sodisfacenti anke jekk hu koncess li Zammit seta’ u certament kien stobjuz fl-azzjonijietu fil-kaz tal-ghaxar(10) akkuza, il-Qorti taqbel ma’ dak gia’ sottomess mid-Difiza fit-trattazzjoni taghha u taghmel ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Etienne Calleja.

Ikkunsidrat ukoll:

Illi l-ewwel reat addebitat lil Stephen Zammit huwa dak taht l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-aggravanti tieghu. Issa f'dan ir-rigward Stephanie Buhagiar kienet cara meta xehdet li l-akkuzat f'gurnata wahda ghal habta ta' l-ghaxra ta' fil-ghaxija cemplilha u mar ghaliha ghand habibitha. Illi nonostante aggressjonijiet precedenti, biex izzomm il-kwiet marret mieghu. Barra li taha bil-ponn fil-karozza, x'hin waslu l-flat taghhom xehdet hekk:
Folio 48 line 15 *'Qabadni minn dirghajja u gibidni minn gol-karozza. Qabel ma nizel rajtu jgholli xi haga minn taht is-seat, kienet ta' lewn kannella, u hsibtha bicca njama jiena u gholla z-zip. Beda jaghmilli 'Idhol!, ghidtlu 'Steve, nehhieha dik li ghandek gos-sidrija ghax jiena minix ser nidhol.', Qalli 'Qed nghidlek idhol!'. Tani daqqa ta' sieq go dahri u mbuttani mal-main door tal-bieb u habbatli rasi. Ftaht jiena u x'hin dhalna mbuttani fuq is-sodda bis-sahha u nehha z-zip u hareg arma tan-nar. Tela' fuqi b'kuxxtejh u beda jzommli sieqi u biex jiena ma niccaqlaqx. Beda jzommli idu fuq sidri u l-arma tan-nar, ghamilhieli ma' mohhi. U bdejt nghidlu, ghidtlu 'Steve, nehhieha minn ma' rasi!', u beda jaghmilli 'Hawn hekk infellik fil-kamra tal-banju, tidhol shiha u tohrog imqatta' bil-boroz!', u jiena bdejt qisni ridt naghmel xi haga imma bil-biza' li kelli ma stajtx nitkellem, qisu beda jitlaqli l-lehen u bdejt inhossi il-pressa tiela' f'rasi. Telaq, qam minn fuqi, qabad l-arma u l-iskartocc.'* Folio 48

Illi l-azzjoni ta' Stephen Zammit f'dan ir-rigward certament u bla dubju jammonta ghal sekwestru tal-persuna aggravat u ghalhekk wara li rat l-Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssibu hati ta' l-ewwel(1) akkuza.

Illi fir-rigward tar-raba'(4) u l-hames(5) akkuzi, din il-Qorti taqbel mad-Difiza li ma giex pruvat lilha n-nuqqas ta' licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u li ma tax avviz immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija. Dan kollu qieghed jinghad nonostante ghall-fatt illi l-Qorti hija konvinta mill-verzjoni li tat Stephanie Buhagiar dwar l-aggressjoni minnha sofferta a manu ta' l-akkuzat, ghaldaqstant ghalkemm il-Qorti temmen li verament Stephen Zammit

kellu arma tan-nar kif deskritta minn Stephanie Buhagiar, tilliberah mill-imsemmija akkuzi in kwantu mhux sufficjent pruvati mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tas-sitt(6) akkuza, ma hux car f'mohh din il-Qorti ghal liema delitt qed isir referenza ghalih. Fi kwalunkwe kaz jekk dan huwa r-reat ta' sekwestru, dan il-pussess ta' l-arma gia' gie kkonsidrat fl-aggravanti. Oltre hekk jekk id-delitt prospettat huwa dak taht it-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza, dawn gia' gew eliminati bir-rinunzja, ghalhekk Stephen Zammit qieghed jigi lliberat ukol mill-effetti tas-sitt(6) akkuza.

Dwar is-seba'(7) akkuza din il-Qorti ser terga' tirriproduci parti mix-xhieda ta' Stephanie Buhagiar. Xehdet hekk:
*'Telaq, qam minn fuqi, qabad l-arma u l-iskartocc u telaq fil-karozza u jiena mort nigri naghlaq il-bieb u x'hin gie beda jhabbat fuq il-bieb, beda jaghmilli 'Itfahli!', u peress illi kont imbezza' ghidt ahjar niftahlu. Talabni l-Lm100.00 li kien jaf illi jiena kelli u ghall-ewwel ma ridtx naghtihomlu. Jiena imma umbaghad ghidt ahjar naghtihomlu ghidt milli jaghmilli xi haga ohra. Beda jfittex biex jara jsibhomx hu ghax kien jaf il-post fejn hbejthom jiena, imma jiena kont ressaqthom, kissirli l-fliexken tal-fwieha u ghidtlu 'Ha hawnhekk qieghda.'. Hadhieli minn idi u telaq'*

Certament Stephen Zammit spussessa lil Stephanie Buhagiar is-somma ta' Lm100.00 bla kunsens ta' l-istess. Buhagiar tatu biss dawn il-flus mhux b'mod volontarju pero ghax imbezza' minn tenut kont ta' l-aggressjoni li kienet sofriet ftit qabel (ibid) u l-aggressjoni fuq il-proprjeta' taghha dak il-hin - tkissir ta' fliexken tal-fwieha. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tenut kont ukoll tal-fatt li dan ir-reat gara wara l-ghaxra ta' fil-ghaxija, dan kien xejn ghajr reat ta' serq aggravat bil-vjolenza u l-hin, u ghaldaqstant qieghda ssibu hati tal-istess, wara li rat l-Artikoli 261, 262, 270, 277 u 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-akkuza numru 11, rat ukoll is-sentenza ezebita, jirrizulta illi Zammit huwa fil-fatt recidiv.

Biex tirrikapitola din il-Qorti ghalhekk qed issib htija ta' l-ewwel (1) tas-seba'(7) u l-hdax(11)-il akkuza wara li rat l-Artikoli 86, 87, 261, 262, 270, 271, 21, 49, 50, 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena kkonsidrat is-serjeta' ta' l-akkuzi mressqa kontra Stephen Zammit u l-mod u l-mezzi minnu adoperati fil-kommissjoni taghhom, b'mod partikolari l-vjolenza uzata ghalhekk tqis li huwa ghandu jbaghti piena karcerarja effettiva ta' ghaxar (10) xhur.

Fil-kumplament kif gia hawn fuq premess tilliberah mill-akkuzi l-ohra kif dedotti kontra tieghu.

Qieghda wkoll bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil Stephen Zammit milli b'xi mod jew iehor javvicina jew jivvessa lill-konjugi Buhagiar jew lil binthom Stephanie u dan billi jidhol fl-obbligazzjoni ta' €233 (mitejn u tlieta u tletin Ewro) ghal tnax(12)-il xahar minn meta jiskonta l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------